QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT : DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 23 TA' NOVEMBRU 2001

Avviz Nru 1683/00DM

Untours Insurance Agents Ltd ghal Qatar Insurance Company kif surrogata fid-drittijiet ta' Jesmond Cutajar u l-istess Jesmond Cutajar

vs

Jacqueline Aquilina u b'digriet tas-6 t'April 2001 Lloyds Malta Limited fil-kwalita taghha ta' rapprezentanti ex lege u ghalhekk ghan-nom tal-membri ta' Lloyds illi flimkien jiffurmaw id-ditta assikuratrici ossija sindikat ta' Lloyds illi jgib in-numru 980 u 218 u li joperaw taht l-isem Ensign Motor Policies at Lloyds giet ammessa tintervjeni fil-kawza "in statu et terminis"

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas lill-istanti s-somma ta' L880.43 (kwantu ghat Lm855.43 cents lill-Untours Insurance Agents Ltd noe u kwantu ghal Lm25 lil Jesmond Cutajar) danni subiti mill-istnati in segwitu ghall incident stradali li gara l-Imsida fit-22 ta' Jannar 2000 bejn car Peugeot van DAA697 misjuqa mill-konvenuta u car Corsa nru JAX 736 misjuqa minn Jesmond Cutajar u assikurat b'polza comprehensive mill-attur l-iehor prevja dikjarazzjoni li l-konvenuta

kienet responsabbbli ghall-incident danni minhabba imprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta'l-ittra ufficjali tal-gurnata tal-avviz ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax minn notifika ta' dana l-avviz kontra l-konvenuta li giet minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet taghha tas-6 t'April 2001 fejn ammettait l-intervent fil-kawza "in statu et terminis" tal-kumpanija Lloyd (Malta) Limited fil-kwalita taghha ta' rappresentatni ex lege li ghalhekk ghan-nom tal-membri ta' Lloys illi flimkien jifformaw id-ditta assikuratrici ossija sindikat ta' Lloyds illi jgib in – numru 980 u 218 u li joperaw taht l-isem Ensign Motor Policies at Lloyds.

Rat il-verbal tas-sedua tas-6 ta' April 2001 fejn il-konvenuta dehret fl-udjenza u kkontestat it-talba attrici;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi ghalkemm il-konvenuta kienet dehret u ikkontestat it-talba attrici hija qatt ma pprezentat in-nota tal-eccezzjonijiet formali in kontestazzjoni tat-talba attrici u lanqas ma pproduciet ebda prova kontra dak illi gie allegat mill-istess atturi.

Mill-provi prodotti mill-atturi jirrizulta ampjament illi kienet il-konvenuta Jacqueline Aquilina li kienet responsabbli ghall-incident in kwistjoni billi dina ma kinitx qieghda isuq b'dik l-attenzjoni u prudenza rikjesta u ma indunatx bil-vettura misjuqa mill-attur Jesmond Cutajar wieqfa quddiemha b'rizultat illi habtet ma din il-vettura u ikkawzatilha d-danni.

Ghalhekk il-konvenuta hija tenuta li taghmel tajjeb ghal dawn id-danni li gew kkawzati u li mid-dokumenti esebiti jirrizultaw li jammontaw komplessivament ghas-somma ta' Lm855.45 (tmien mija u hamsa u hamsin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmi) skond l-ircevuti originali li gew esebiti permezz ta' nota minn fol 57 sa fol 62 tal-process.

Inoltre l-istess konvenuta ma dehritx biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni li sarulha mill-atturi u ghalhekk it-talba attrici tirrizulta ampjament gustifikata u timmerita konferma; u

Il-Qorti qieghda ghalhekk tilqa t-talba attrici u tillikwida d-danni totali fis-somma komplessiva ta' Lm855.45 (tmien mija u hamsa u hamsin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmi) u filwaqt li tiddikjara li kienet il-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni u ghad-danni konsegwenzjali qieghda tikkundannah lill-

istess konvenuta sabiex thallas somma komplessiva ta' Lm855.45 (tmien mija u hamsa u hamsin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmi) lill-atturi billi thallas lill-attur Jesmond Cutajar is-somma ta' Lm25 (hamsa u ghoxrin lira Maltin) u thallas il-bilanc ta' Lm830.45 (tmien mija u tletin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmi) lill-atturi l-ohra Untours Insurance Agents Limited fil-kwalita premessa.

Inoltre tikkundannah lill-istess konvenuta sabiex thallas l-imghax legali lill-atturi b'effett mis-6 t'April 2001;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

Mag Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep Reg
Civ28